**18 ta' Ġunju, 1984**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Vincent Camilleri bħala *Managing Director* ta' u in rappreżentanza tas-soċjetà Investments Company Limited

*versus*

Rudolph Stilon (f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' l-assenti Emilia *sive* Mile Pignatelli, mart Antonio), Marion Agius Vadala (mart Dottor Maurice), Franco Stilon u l-Perit Joseph C. Grech

**Digriet - Digriet Kamerali - Digriet Interlokutorju - Appell Minn**

*Proċedura li tirrisali għal qabel l-emendi għall-Kodiċi ta' Proċedura ta' l-1995 u 1996.*

*Il-Qorti ta' l-Appell sabet irritu l-appell fuq ċaħda mill-Ewwel Qorti li jiġu prodotti xhieda mhux iddikjarati u dan fuq skorta ta' ġurisprudenza antika u kostanti. Ir-rikors ta' appell kellu jkun akkumpanjat minn malleverija li fil-fatt ma kienx.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-attur *nomine* quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li biha, wara li ppremetta illi waqt is-seduti li qegħdin isiru quddiem il-Perit Ġudizzjarju, xehed ir-Reġistratur tal-Qorti, Dr. Victor Borg Grech, li fost affarijiet oħra qal "l-ebda digriet ħlief dawk tas-Sekond'Awla ma jkunu ffirmati mill-Imħallef ..." "nirrepeti li l-ebda digriet kamerali ħlief tas-Sekond'Awla ma jiġu ffirmati mill-Imħallef. L-awtentiċità ta' dawn id-digrieti toħroġ mil-liġi stess". Għar-rigward tad-digrieti dwar subbasti r-Reġistratur qal: "... hemm delega mingħand l-Imħallfin biex dawn id-digrieti jsiru fir-Reġistru u li ma kienx hemm, skond l-opinjoni ta' l-Imħallfin, bżonn li dawn id-digrieti joqgħodu jmorru għandhom ..."; u illi l-esponent meta ppreżenta l-kawża ma kienx jaf li kien hemm dawn l-allegati arranġamenti u biex tiġi stabbilita l-prattika u effettivament liema digrieti kienu jiġu ffirmati wara li jintbagħtu għandhom mill-Imħallfin, l-istess esponent jixtieq jipproduċi x-xhieda ta' l-ex-Imħallfin Dottor Joseph Xuereb, Dottor Edoardo Magri u Dottor Riccardo Farrugia u illi, waqt l-aħħar seduta quddiem il-Perit Ġudizzjarju, id-difensur ta' l-esponent għamel domanda għall-produzzjoni ta' żewġ Imħallfin iżda l-kontro-parti opponewha, talab bir-rispetet illi għall-aħjar andament tal-kawża u biex jiġu stabbiliti b'mod ineċċepibbli l-prattika u d-delega li suppost kien hemm fir-rikors tas-subbasta, dik l-Onorabbli Qorti jogħġobha tippermettilu jipproduċi bħala xhieda l-imsemmija tlett ex-Imħallfin;

Rat id-digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tad-19 ta' April, 1983, li bih wara li kkunsidrat *illi skond* ir-rikors stess, il-kontroparti qegħdin jopponu għall-produzzjoni tax-xhieda mhux dikjarati ċaħdet it-talba;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur *nomine* li bih, wara li ddikjara li kien qiegħed jappell mill-"imsemmi digriet interlokutorju tad-19 ta' *April, 1983*", *talab* li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka l-istess digriet u tippermettilu jipproduċi bħala xhieda fil-kawża fuq imsemmija lill-Dottor Riccardo Farrugia, Dottor Edoardo Magri u Dottor Joseph Xuereb, bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' Rudolph Stilon *proprio* u f'isem l-assenti Emilia *sive* Mile Pignatelli, mart Antonio u ta' Marion Agius Vadala, mart Dottor Maurice u Franco Stilon li biha ssottomettew li l-appell huwa irritu u null stante li l-imsemmi digriet mhux interlokutorju iżda kamerali u għalhekk l-appell minnu ma kellux isir b'rikors iżda b'attijiet oħra quddiem il-Qorti kompetenti;

Rat ir-risposta ta' l-appellat perit Arkitet Joseph C. Grech li biha ssottometta: (1) illi r-rikors ta' l-appell *nomine* huwa null u mingħajr effett għalix bħala digriet interlokutorju kellu jkun akkumpanjat mill-malleverija għall-ispejjeż ta' l-appell; (2) illi jekk id-digriet in kwistjoni jaqa' taħt l-artikolu *173 tal-Kap. 15 mhux* appellabbli jekk mhux wara s-sentenza finali; (3) illi jekk id-digriet huwa digriet kamerali li ma jaqax taħt l-artikolu 173 huwa appellabbli quddiem l-istess Qorti li ppronunzjatu u mhux quddiem din il-Qorti u (4) subordinatament, fil-meritu, ix-xhieda mitluba ma ġewx iddikjarati u n-neċessità li jiġu prodotti ma nqaletx wara li ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi s-sottomissjonijiet ta' l-appellati fil-każ in diżamina huma validissimi u l-appell odjern ma jistax ħlief jiġi ddikjarat irritu u null;

Infatti, jekk id-digriet appellat hu digriet interlokutorju, kif effettivament jidher li hu, u kif isejjaħlu l-istess appellant *nomine*, l-appell interpost huwa null għaliex mhux akkompanjat b'malleverija. Din il-Qorti, infatti, għal dawn l-aħħar tletin sena almenu, dejjem iddeċidiet li rikors ta' appell minn digriet interlokutorju huwa null jekk mhux akkompanjat b'malleverija (ara fost oħrajn **Dagri *vs* Micallef**, Vol. XLI-I-137, **Forth Bendix *utrinque***, 19 ta' Jannar, 1983, **Garroni *utrinque***, 31 ta' Marzu, 1978 u **Bennetti *utrinque***, 30 ta' Settembru, 1983;

Barra minn dan jekk wieħed kellu jikkunsidrah bħala digriet kamerali l-istess l-appell interpost huwa irritu u null għax ma setax isir b'rikors quddiem din il-Qorti;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiddikjara l-istess bħala irritu u null u konsegwentement tordna li l-atti kollha tal-kawża jiġu rrinvjati lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż relattivi għal dan l-appell jkunu a kariku ta' l-appellanti *nomine*.

---